**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Żejtun Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 05/25**
**Data:** It-Tnejn, 5 ta' Mejju 2025
**Ħin:** 5:53pm
**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Preżenti**
Joan Agius - Sindku
Raymond Caruana - Viċi-Sindku (Mis-6:09pm)
Enya Abela - Kunsilliera
Christian Attard - Kunsillier
Anthony Aquilina - Kunsillier
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Roderick Caruana - Kunsillier
Ivan Giardina - Kunsillier (Sas-7:26pm)
Luke Doublet - Kunsillier (Skużat)
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

**05.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
**05.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**
**05.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**
**05.04** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**
**05.05** ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**
**05.06** **Proġetti;**
**05.07** **Festa;**
**05.08** **Ftehim mal-Palestina;**
**05.09** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**
**05.10** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**
**05.11** **Mozzjonijiet; u**
**05.12** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**05. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-kunsill ittra ta' apoloġija minn Doublet minħabba xogħol. | |

**05. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Sindku<br>Sekondant: Aquilina | Il-Minuti 04/25 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il- korrezzjonijiet. | Abela |
| 05. 2. 1 | 04.04.04 | Abela | Abela qalet li dawn għandhom jinqasmu f'punti separati. | Aquilina |
| 05. 2. 2 | 04.02.04 | Aquilina | Aquilina qal li bit-train marru miż-Żejtun sar-ramla. | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**05. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 2 3 | 09.08.02 | Camilleri: Figolli | Camilleri qalet li t-tfal tal-kids club ħadu gost ħafna jaħdmu dawn il-figolli u r-residenti tal-Fondazzjoni Nazzareth jżejnuhom. | Camilleri / Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 2 | 4 | 04.02.03 | Attard: Laqgħa mal-Faces | Attard qal li l-laqgħa saret pero għadna bla risposta meta dawn ser jibdew jitwaħħlu. Il-ħġieġa tal-bus shelter 'Ħaddiema' ġiet ordnata. Staqsa dwar il-bus shelter 'Ħuxlief' għax saret il-bażi. Ser tiċċekja s-Sindku dwaru. | |
| 05. | 2 | 5 | 04.02.08 | Caruana: Dawl fi Ġnien iż-Żgħożija | Caruana qal li d-dawl ser jiġi ċċekjati. Rigward Misraħ Ħal Tmin wasalna biex jitqabbdu l-connections u jinxtgħel. | Caruana |
| 05. | 2 | 6 | 04.03.03 | Aquilina: Triq il-Qadi | Aquilina staqsa jekk tistax issir bankina ikbar quddiem Dennis Ironmongery. Is-Sindku qalet li tlabna l-Housing sabiex ituna l-approvazzjoni sabiex din issir minn IM. S'issa għadna bla tweġiba. | Sindku |
| 05. | 2 | 7 | 04.03.06 | Aquilina: Kunċerti tal-każini | Aquilina qal li ż-żewġ każini organizzaw żewġ kunċerti li kienu tajbin ħafna. | Aquilina |
| 05. | 2 | 8 | 04.03.10 | Aquilina: Triq Bugħarbiel | Aquilina staqsa jekk kellniex risposta dwar dan. Is-Sindku qalet li minn naħa tagħna bagħtna kollox kif talbuna. | Sindku |
| 05. | 2 | 9 | 04.03.14 | Attard: Play 4 Jays Murder Mystery Walkthrough | Attard qali li kellu l-opportunita' jiġi jarahom jagħmlu l-provi u jidher li ser tkun sabiħa u nteressanti ħafna. Aquilina żid li riċenti sar jaf li l-binja tal-kunsill kienet tintuża bħala Teatru fi żmien Karlu Diacono u ta min jiċċekja iktar dwar dan fl-istorja. | Attard |
| 05. | 2 | 10 | 04.04.01 | Caruana Roderick: Ġimgħa Mqaddsa | Caruana qal li ħa pjaċir li kollox mexa kif pjanat u l-permessi tal-bejjiegħa ma jidhirx li kien hemm problemi. | Caruana |
| 05. | 2 | 11 | 04.04.02 | Aquilina: Għeluq ta' toroq | Aquilina staqsa għalfejn deċiżjoni tal-kunsill li t-toroq ma jingħalqux ġiet mibdula mill-Viċi Sindku u t-toroq ingħalqu l-Ġimgħa filgħodu. Il-Viċi Sindku qal li hu għandu esperjenza u dan sar minħabba s-sigurta' tan-nies. Is-Sindku saħħqet li d-deċiżżjonijiet joħodhom il-kunsill u kulħadd irid jimxi magħhom. Qalgħet li meta t-toroq ingħalqu ħafna nies ma ġewx iż-Żejtun. Saret diskussjoni fejn jista' jsir spazju sabiex il-coaches, jieqfu, iħottu u jimxu speċjalment wara l-knisja u t-triq tibqa' miftuħa. | Sindku |
| 05. | 2 | 12 | 04.04.04 | Giardina: Triq il-President Anton Buttigieg | Giardina staqssa jekk kellniex risposta għaliex jidher li mhux ser ikun hemm ċaqlilha dwar dan. Is-Sindku wieġbet li qed nistennew risposta dwar jekk hux ser isir central strip u ser nibqgħu bagħmlu pressjoni dwar dan. | Sindku |
| 05. | 2 | 13 | 04.04.04 | Abela: Railing fi Triq il-Pres. Anton Buttigieg | Abela staqsiet dwar ir-railing li rridu nsewwu jew nibdlu f'din it-triq. Is-Sindku qalet li ser nitlbu parir mill-Perit Cachia sabiex itina ideat x'jista' jsir bie ikun effettiv u sigur. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 2 | 14 | 04.04.05 | Viċi-Sindku: Camera | Il-Viċi-Sindku talab li din għandha titneħħa. Wara diskussjoni ma kinx hemm qbil li din għandha titneħħa. Ser nisħqu li għandha titħaddem għal skopijiet li twaħħlet u mhux multi għal mobile biss. | Viċi-Sindku |
| 05. | 2 | 15 | 09.08.01 | Aquilina: Tifkira tal-Gwerra | Aquilina qal li għalkemm ħallasna l-flus u kellna l-permessi kollha, il-pulizija ma mxitx mal-pjan u ma għalqitx it-toroq u nħoloq paniku u periklu bla bżonn. Ser ikun qed isir ilment uffiċjali u nitolbu rimbors. Kien hemm qbil unanimu wkoll wara li l-Scouts għamlu talba għal €150 għas-servizz li taw. Għal din għandha tinħareġ invoice. | Aquilina |

**05 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML05/25. B'riferenza għal:

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05 | 3 | 1 | 1 | DLG - Minn Pjazza għal Pjazza | Ser inkunu qed niċċekjaw x'tinvolvi u napplikaw għall-fondi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 05 | 3 | 2 | 06 | Atlas Insurance - Claim għal ħsarat | Saret talba għal ħlas ta' ħsarat. Wara diskussjoni ma kinx hemm qbil li dawn jitħallsu peress li r-rapport sar ġimgħa wara. | |
| 05 | 3 | 3 | 07 | Kristeena Haidon | S-Sinjura Haidon għamlet talba għal ħlas ta' flights wara li qed tgħid li kelli inċident f'ħofra fejn weġġgħat sieqha. Wara diskussjoni ma kinx hemm qbil li dawn jingħataw peress li hemm ħafna affarijiet li ma jreġux peress li eżempju l-flights inqtgħu wara li weġġat. | |
| 05 | 3 | 4 | 08 | Dr Grech - Imwejjed u siġġijiet f'Misraħ Gregorio Bonici | Dr Grech ressaq proposta sabiex wara li tinfetaħ il-kafetterija, iġib permess sabiex jitpoġġew mwejjed u siġġijiet. Bħala ħanut il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni pero' ma qabilx mal-fatt li jridu jaqssmu t-triq sabiex jintlaħħqu l-imwejjed u nuqqas ta' spazju minħabba parkeġġi ta' unloading fl-istess pjazza. | |
| 05 | 3 | 5 | 09 | Fondazzjoni Nazzareth | Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni sabiex issir attivita' fil-5 ta' Lulju mill-istess Fondazzjoni. | |
| 05 | 3 | 6 | 10 | Għaqda tan-Nar 25 ta' Novembru - Riklam ktieb tal-festa | Il-Kunsill qal li għandu jintuża l-istess riklam u jinbidlu d-dettalji tas-Sindku. | |
| 05 | 3 | 7 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li biex jibda l-proġett Bellus hemm bżonn u ggandna l-permessi kollha mill-ERA sabiex jitneħħew tlett siġar tal-ficus u minflokom ser ikunu qed jitħawwlu 40 siġra. | Sindku |
| 05 | 3 | 8 | | Sindku: Triq il-Qadi | Is-Sindku qalet li fi Triq il-Qadi għaddej ix-xogħol. | Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 05 | 3 | 9 | Sindku: Ġnien Breġju | Is-Sindku qalet li weħilna multa minħabba qluh ta' siġra li kellna l-permessi biex tiġi rilokata u dwar dan ser inkunu qed nikkontestawha. | Sindku |
| 05 | 3 | 10 | Sindku: Ħajt il-Wied | Is-Sindku qalet li Sqaq il-Fniek ser isir u anke Sqaq Nru 4. Ser ikunu qed jitwaħħlu tabelli tal-iskart ukoll. | Sindku |
| 05 | 3 | 11 | Sindku: Vjal 25 ta' Novembru | Is-Sindku qalet li naħa minnhom tnaddfet u ser ikun qed isir bil-grass blocks u ser jitkompla x-xogħol l-istess fuq n-naħa l-oħra tat-triq. | Sindku |
| 05 | 3 | 12 | Sindku: Tnehdija tal-Festa ta' San Girgor | Is-Sindku qalet li saret it-tnehdija fl-14 ta' April u kienet tajba ħafna. Ġew rimarkati li għandhom jiġu imħeġġa iktar żwieten jipparteċipaw u bħala kunsill għandna ningħataw iktar spazju biex nieħdu sehem. | |
| 05 | 3 | 13 | Sindku: Ħamis ix-Xirka | Is-Sindku qalet li l-ħarġa saret u kienet suċċess. | Sindku |
| 05 | 3 | 14 | Sindku: Laqgħa dwar l-enerġija | Is-Sindku qalet li kienet interessanti ħafna pero' l-attendenza kienet minima ħafna. | |
| 05 | 3 | 15 | Sindku: Seminar | Is-Sindku qalet li flimkien mal-Viċi-Sindku attendew seminar organizzat minn Clean Malta fejn ġie varat proġett ta' makkinarju ġdid u li hemm il-ħsieb li ż-Żejtun jibbenifika minnu fejn jidħol tindif. | Sindku |
| 05 | 3 | 16 | Sindku: Attivita' ma' Project Green | Is-Sindku qalet li ser tittella' attivita' minn Project Green fi Ġnien iż-Żgħożija fis-16 ta' Mejju, fejn ser ikun hemm diversi attivitajiet minn Move, MSSA u Project Green. Ġejna mistiedna bħala kunsill u ser isiru graffiti relatati maż-Żejtun kif ukoll funtana tal-ilma fil-ġnien. Kulħadd huwa mistieden jattendi. | Attard / Sindku |
| 05 | 3 | 17 | Sindku: Tifkira tal-Vittmi tal-Gwerra | Is-Sindku qalet li l-attivita' kienet tajba. | Aquilina |
| 05 | 3 | 18 | Sindku: Roundabout tal-Barrani | Is-Sindkuu qalet li tlabna lill-IM sabiex itina kopja tal-pjanti l-ġodda u iżjed informazzjoni qabel jibda l-proġett. | |
| 05 | 3 | 19 | Sindku: Żwieġ | Is-Sindku qalet l i ser tkun qed iżżewweġ l-ewwel koppja fl-10 ta' Mejju fi Ġnien Tal-Kmand. | Sindku |

**05. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 4 | 1 | Sindku | Is-Sindku ressqet proposta sabiex il-kamra li tinsab fi Ġnien il-Kmandant tingħata b'self lill-għannejja sabiex ikunu jistgħu jiltaqgħu u jipprattikaw fih b'diversi kundizzjonijiet. Il-Ministeru tal-Gvern Lokali offra li jagħmel ix-xogħol ta' restawr. Wara diskussjoni, l-Kunsill bħala kunċett jaqbel pero iridu jsiru diversi kundizzjonijiet qabel dan il-ftehim iseħħ. | Sindku |
| 05. | 4 | 2 | Sindku: Toroq One Way | Saret diskussjoni sabiex diversi toroq fosthom Triq Sant' Anġlu u Triq Luqa Briffa isiru pedonali waqt il-ħinijiet tal-iskola. Hemm diversi problemi speċjalment b'vetturi kbar. Is-Sindku qalet li kellimna lill TM sabiex naraw x'jista' jsir. Is-Sindku qalet li hemm lok għal iktar diskussjoni dwar dan. | Sindku |
| 05. | 4 | 3 | Viċi-Sindku: Vaska fi Ġnien l-Għannejja Żwieten | Il-Viċi-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar l-istat tal-vaska. Is-Sindku qalet li din ser titnaddaf u se ssir pompa sabiex jitħaddem l-ilma u ma jitħammiġx. | Sindku |
| 05. | 4 | 4 | Viċi-Sindku: Raised zebra crossing | Il-Viċi-Sindku staqsa jekk iz-zebra crossing fi Triq id-Daħla ta' San Tumas tistax terġa ssir raised kif kienet qabel saret it-triq. | |
| 05. | 4 | 5 | Caruana: Kontijiet pendenti ta' tipping fees | Caruana staqsa dwar dawn u s-Segreatrju Eżekuttiv wieġeb li s'issa ma mkinx hemm żvilupp dwar dan u hemm minn nofs Settembru sal-aħħar ta' Diċembru li għadhom pendenti. | Segretarju Eżekuttiv |
| **05.** | **5.** | | **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 05. | 5 | 1 | Abela: Parking fl-iskola | Abela reġat staqsiet kinx hemm żviluppi dwar jekk għandux jinfetaħ il-parkeġġ tal-iskola sekondarja. Is-Sindku qalet li ser issir laqgħa mas-Sur Psaila sabiex tiġi diskussa. Abela żiedet jekk tistax tintuża wkoll it-trakka għar-residenti. Is-Sindku qalet li ser niċċekjaw dwar dan ukoll. | Sindku |
| 05. | 5 | 2 | Abela: Fanal dekorattiv | Abela talbet sabiex tingħalaq immedjatament il-bażi tal-fanal dekorattiv peress li hemm periklu kbir. Il-Viċi-Sindku qal li ser nerġgħu infakkru lil kuntrattur sabiex dan ix-xogħol isir. | Viċi-Sindku |
| 05. | 5 | 3 | Sindku: Xogħol temporanju fil-ġonna | Is-Sindku qalet li ser jiġi mqabbad ġardinar temporanju sakemm jiġu ngaġġati l-ġardinara l-ġodda. Dan ser ikun qed jagħmel xogħol f'diversi [onna li g]andna fiż-Żejtun. | |
| 05. | 5 | 4 | Sindku: Vann | Is-Sindku qalet li saret talba formali lis-Silver-T sabiex il-vann jiġi lura u nibdew nieħdu ħsiebu bħala Kunsill. S'issa rnexxilna nġibu xufier. Ġie ngaġġat ħaddiem ieħor li ser ikun qed jagħmel xogħol ta' tindif. IS-Sindku talbet li x-xogħol irid ikun taħt il-kotroll tagħha u s-Segretarju Eżekuttiv. | Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 5 | 5 | Attard: Gabbana | Attard ressaq proposta sabiex bankina bla użu fit-tarf ta' Triq l-Aħħar Ġbit mit-Torok naraw tistax tiġi żviluppata u ssir gabbana u tibda tinkera sabiex il-Kunsill ikollu ntrojtu. Kien hemm diskussjoni dwar u ser inkunu qed niċċekjaw dwarha. | Attard |
| 05. | 5 | 6 | Aquilina; Spralli | Aquilina qal li hawn ħafna spralli li qed jisfrondaw. Ħafna minn dawn diġa rrapurtati lill-WSC u ser ikun qed isir it-tiswija neċessarja. Semma wkoll il-kaptelli tax-xelter li jinsab fi Triq il-Kbira. | |
| 05. | 5 | 7 | Aquilina: Villa Rumana | Aquilina reġa qajjem dan il-fatt li għadu qed jistinka sabiex xi ħadd jidħol għall-proġett u ż-żona tiġi mnaddfa. | |
| **05.** | **6.** | | **Proġetti;** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 05. | 6. | 1 | | Ma kinx hemm diskussjoni dwar dawn peress li dawn ġew imsemmija mal-komunikazzjoni. | |
| **05.** | **7.** | | ***Festa;*** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 05 | 7 | 1 | Sindku | Is-Sindku qalet li ser inkunu qed naħdmu fuq il-permessi tal-festa u hemm ċans li dis-sena l-gabbani ta' wara l-knisja ser ikollhom jiċċaqalqu. S'issa ġew proposti parti fi Triq San Girgor u Triq Santu Wistin. Ġiet proposta li jitqabbdu l-ħaddiema jnaddfu ż-żona sabiex l-impatt fuq ir-residenti jkun mill-inqas. | |
| **05.** | **8.** | | **Ftehim mal-Palestina;** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 05. | 8. | 1 | Sindku | Is-Sindku qalet li minn naħa tagħhom jixtiequ li jkomplu bil-ftehim. Ser ikun qed jiġi ffirmat il-ftehim fis-16 ta' Ġunju filgħodu peress li huma ser ikunu preżenti waqt il-festa taż-Żejtun. | **Sindku** |
| **05.** | **9.** | | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 05. | 9. | 1 | Aquilina; Lejla Letterarja u Għana | Aquilina qal li l-Lejla Letterarja ser issir fi Ġnien l-Għannejja Żwieten fl-4 ta' Lulju. Daqt jiftħu l-applikazzjonijiet għal dawk li jixtiequ jieħdu sehem. | Aquilina |
| 05. | 9. | 2 | Camilleri | Camilleri qalet li grupp mill-kalssi tas-sitt sena marru fid-Dar tal-Anzjani fejn qraw kapitlu minn Mastru Gerfex u għadu jilgħabu drafts mal-anzjani. | Camilleri |
| 05. | 9. | 3 | Camilleri | Camilleri qalet li nhar l-Erbgħa, anzjani mill-home ser imorru jaraw il-play tal-price day bl-isem ta' Lion King fl-iskola primarja B. Qed nistennew risposta hux sejrin ukoll residenti minn Dar Nazzareth. | Camilleri |
| 05. | 9. | 4 | Camilleri | Camilleri qalet li l-klassijiet fis-sajf ta' reviżżjoni ser jergħu isiru b'numru limtat ta' studenti. | Camilleri |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 05. 9. 5 | | Sindku: Inawgurazzjoni | Is-Sindku qalet li f'Ġunju ser isir l-inawgurazzjoni tal-bust ta' Żaren Mifsud. Kif ikollha iktar informazzjoni tinforma lill-kunsill bid-dettalji. | Sindku |
| **05. 10.** | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 05. 10. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 05/25 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| | | Talbiet għal Xiri Seduta 05/25 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| | | *Petty Cash* - April 2025 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Diċembru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €213.25. | Segretarju Eżekuttiv |
| **05 11** | | **Mozzjonijiet; u** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 05. 11 1 | | | Ma kinx hemm mozzjonijiet imressqa. | |
| **05 12** | | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-9:22pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta, 13 ta' Mejju 2025 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Joan Agius | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |